MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2012

Numru. 239/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Antonovitch Muscat]**

**vs**

**Ludwig Bonnici**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ludwig Bonnici detentur tal-karta tal-identita` numru 389280(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-16 ta' Lulju 2008 jew fil-jiem ta' qabel,

a. Irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

b. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi

vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza;

c. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fis-16 ta' Lulju 2008, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

d. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll illi l-imputat ikun skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn wiegeb li mhuwiex hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza si tratta ta' allegat licenzji foloz tat-trakkijiet. Illi l-imputat allega mill-bidunett illi huwa kellu minn dejjem din il-licenzja sa mis-sena 1999, u li din kienet insterqitlu meta kienet fil-handbag tal-mara xi sentejn qabel l-istqarrija. Huwa qal li mbaghad rega' applika ghaliha izda qatt ma ghamel rapport lill-pulizija. Illi mill-affidavitipprezentat li huwa mmarkat bhala Dok AM4, jirrizulta li huwa kien iddikjara li tilef il-licenzja B u cioe` tal-

karozzi privati u mhux trakkijiet, u ghalkemm Mandy Carbone ma telghetx tixhed a rigward il-gurament, il-kontenut ta’ dak id-dokumenti u d-dettalji li fih xorta wahda ghandhom valur probatorju. Illi x-xhud tat-Transport Malta xehed illi mir-records taghhom ma sab l-ebda dettal li juri li l-imputat qatt kellu din il-licenzja. Illi ghalhekk, il-Qorti thoss illi ma kien hemm l-ebda dubju li setghet tqajjem id-difiza sabiex tipprova l-kuntrarju tal-provi li gabet il-prosekuzzjoni.

Illi ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 42, 108, 109, 185 u 186 tal-Kodici Kriminali qeghda ssib lill-imputat Ludwig Bonnici hati biss tat-tieni u tat-tielet akkuza kif dedotti kontrih stante li l-ewwel akkuza ma giet ippruvata l-ebda komplicita` ma’ terzi persuni u a rigward ir-raba’ akkuza ma ngabitx il-prova tal-gurament falz stante li Mandy Carbone ma xehditx, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) mil-lum, filwaqt li tilliberah mill-ewwel u raba’ akkuza kif dedotti kontrih.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------